

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-  
KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.4959 — Goldman Sachs/MatlinPatterson/Bankenservice Kassel)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għall-proċedura simplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2007/C 314/12)

1. Fit-13 ta' Diċembru 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta għal konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Goldman Sachs Group Inc. ("GS", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) u MatlinPatterson LLC ("MP", l-Istati Uniti ta' l-Amerika) jakkwistaw, fl-ambitu tat-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll konġunt ta' l-impriża Bankenservice Kassel GmbH ("Bankenservice", il-Ġermanja) permezz tax-xiri ta' ishma.
2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:
  - għall-impriża GS: Bank ta' l-investment, sigurtajiet u impriża ta' ġestjoni ta' l-investment;
  - għall-impriża MP: il-fond ta' investment li jinvesti globalment f'kumpaniji f'diffikultajiet finanzjarji,
  - għall-impriża Bankenservice: ġestjoni ta' transazzjonijiet permezz ta' *vouchers* ta' pagamenti mingħajr flus kontanti fil-Ġermanja.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skond in-Notifika tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup> ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għat-trattament taħt il-proċedura stipulata fin-Notifika.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati sabiex iressqu l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. L-osservazzjonijiet jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks ( (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, bin-numru ta' referenza COMP/M.4959 — Goldman Sachs/MatlinPatterson/Bankenservice Kassel, f'dan l-indirizz:

Kummissjoni Ewropea  
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni  
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet  
J-70  
B-1049 Brussel

<sup>(1)</sup> ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.